# PRIM' AWLA QORTI CIVILI
# (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Ħmistax (15) ta' Lulju 2020**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 176/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Morgan Onuorah**

**Vs**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors Kostituzzjonali illi ġie ippreżentat fl-20 ta Settembru 2019, fejn ir-rikorrent qal is-segwenti:

*Illi l-esponent tressaq b'arrest quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala* Qorti Struttorja *nhar l-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010), akkużat b'assoċjazzjoni ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika d-droga kokajina u b'pussess tal-imsemmija droga liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;*

*Illi sussegwentement l-esponent tqiegħed taħt Att t'Akkuża bin-numru 11/2015 fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Morgan Izuchukwu Onuorah****;*

*Ilment Kostituzzjonali*

*1) Dritt tal-Assistenza Legali matul l-interrogazzjoni tiegħu*

*Illi jigi rilevat illi l-każ odjern ġie msejjes fost l-oħrajn fuq żewġ stqarrijiet illi huwa rrilaxxa datati wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu u tas-sena elfejn u disgħa (2009) u dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010), liema stqarrijiet ingħataw mill-esponenti mingħajr ma ngħatalu d-dritt illi jkollu l-avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt tali stqarrijiet peress illi l-liġi f'dak iż-żmien ma kinetx tippermetti dan.*

*Peress illi l-Liġi fiż-żmien illi fih l-esponent ġie arrestat u investigat ma kinetx tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali lill-arrestat matul tali stqarrijiet dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent għal smiegħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi l-esklużjoni totali ta' avukat tal-fiduċja tal-esponenti mill-istadju tal-investigazzjoni, partikolarment waqt it-teħid tal-istqarrija huwa leżiv tad-drittijijet fundamentali tiegħu għall-smiegħ xieraq u hija ta' preġudizzju kbir għall-esponenti;*

*Illi d-dritt tal-assistenza legali għall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bħala aspett tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ġie stabbilit permezz ta' ġurisprudenza kopjuża u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem liema dritt ġie ritenut illi jiġi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest tagħha [ara fost l-oħrajn: Salduz vs. Turkey. Davanan v. Turkey. Pischalnikov v. Russia. Plonka vs. Poland. Brusco vs. France, Pavlenko vs. Russia, Boz vs Turkey, Demirkaya vs Turkey, Mario Borg vs Malta, A.T. vs Luxemborg).*

*Illi f'Malta l-Qrati Nostrani wkoll sabu ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq fis-sentenzi Christopher Bartolo vs AG, Il-Pulizija vs Aldo Pistella, Il-Pulizija vs Claire Farrugia, Il-Pulizija vs Alvin Privitera u Pulizija vs Esron Pullicino.*

*Għalhekk l-istqarrijiet mogħtija mill-esponent ingħataw fi żmien meta huwa ma setgħax ikollu lill-avukat tal-għażla tiegħu preżenti tul l-istqarrija u għalhekk ma setax jiġi spjegat lilu l-konsegwenzi ta' dak li*

*qiegħed jgħid. Għaldaqstant il-fatt illi l-istqarrijiet tal-esponent ġew ammessi fil-proċeduri, liema stqarrijiet skont ġurisprudenza kopjuża kemm Ewropea kif ukoll dik Maltija ittieħdu b'mod leżiv u jiksru d-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq, ikkundizzjona u jista' jikkundizzjona b'mod negattiv il-konkors tal-proċeduri kriminali.*

*Illi dwar ir-rimedju mitlub minnu, l-esponenti jagħmel referenza inter alia għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Panovits vs Cipru deċiża fil-11 ta' Diċembru, 2008, fejn il-Qorti qalet:*

> *"It reiterates that when an applicant has been convicted despite an infringement of his rights as guaranteed by Article 6 of the Convention, he should, as far as possible, be put in the position that he would have been in had the requirements of that provision not been disregarded, and that the most appropriate form of redress would, in principle, be trial de novo or the reopening of the proceedings"*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi minħabba l-fatt illi, l-esponenti ma kellux l-assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni tiegħu, ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*
2. *Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi;*

2. Rat illi fit-30 ta' Settembru 2019, l-Avukat Ġenerali laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi qabel xejn l-esponent jemmen li l-ilment tar-rikorrenti huwa għal kollox bikri peress li l-proċeduri kriminali kontrih għadhom ma ngħalqux. S'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrent sejjer jiġi żvantaġġjat waqt is-smigħ kriminali tiegħu. Għal dak li jiswa r-rikorrent jista' jiġi meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Tassew f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li proċeduri kriminali jiġu mitħaddta in vacuo (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu Martin Dimech vs. Malta maqtugħa fit-2 t'April 2015 u Tyrone Fenech u Amanda Agius vs. Malta deċiża fil-5 ta' Jannar 2016 li inċidentalment kienu jmissu ma' ilmenti dwar l-istqarrija);*

    2. *Illi b'żieda ma' dan, huwa mtenni wkoll f'ġurisprudenza maqbula, li biex jinsab ksur tas-smigħ xieraq, kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-*

*Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fis-sħiħ tiegħu u mhux f'biċċa minnu (ara Farrugia vs. Malta maqtugħa fl-4 ta' Ġunju 2019 li wkoll kien fiha ilment dwar stqarrija meħuda fi stadju ta' interrogazzjoni). Jiġi b'hekk, li huwa aktar għaqli li l-proċess kriminali jitħalla miexi mingħajr xkiel;*

3. *Illi bla ħsara għall-premess, l-ilment tar-rikorrent kif imsejjes fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea xorta mhuwiex wieħed mistħoqq. Ibda biex fiż-żmien meta r-rikorrent ġie interrogat ma kien hemm l-ebda ristrezzjoni sistematika fil-liġi Maltija fejn jidħol il-jedd għall-assistenza legali. Kemm hu hekk, qabel ma ttieħdet l-istqarrija inkwistjoni r-rikorrenti ngħata d-dritt li jieħu parir minn avukat kif jiddisponi l-Artikolu 355AT tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fil-fatt jirriżulta li huwa eżerċita tali jedd għaliex kellem avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizja. Għalhekk is-sentenzi barranin indikati mir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali tiegħu inkluż dik ta' Mario Borg vs. Malta ma jsibux applikazzjoni fil-każ ta' llum. Dan biex ma jingħad ukoll li dawn is-sentenzi llum iridu jinqraw fid-dawl tas-sentenza mogħtija mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet Beuze v. il-Belġju;*

4. *Illi sewwasew fil-każ tagħna r-rikorrent ma jistax jgħid li huwa daħal għall-interrogazzjoni fl-għama jew mingħajr għarfien tad-drittijiet tiegħu għaliex bħala stat ta' fatt huwa ngħata l-fakultà li jieħu parir mingħand avukat tal-għażla tiegħu qabel ma kellmuh il-Pulizija. Ifisser dan li r-rikorrent kellu l-jedd għall-konsultazzjoni legali anke fl-istadju li ġie qabel ma tressaq il-qorti u b'hekk huwa kellu kull ċans li jħejji ruħu għall-interrogazzjoni;*

5. *Illi minbarra dan, id-dritt tar-rikorrent li ma jinkriminax ruħu dejjem ġie mħares, tant li meta saritlu t-twissija mill-Pulziija huwa ġie mgħarraf bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket. Ħadd ma ġiegħel lir-rikorrent jagħmel xi stqarrijiet, b'dana li jekk ried, huwa seta' ddeċieda li ma jagħti l-ebda tagħrif lill-Pulizija. Mhuwiex xieraq li issa r-rikorrent jipprova jinqeda b'dawn il-proċeduri biex jipprova jħassar l-istqarrija li huwa stess għażel li jagħti b'mod ħieles wara li saħanistra kellem avukat minn qabel. Wara kollox huwa għadu biċ-ċans li jixhed fil-proċess kriminali jekk iħoss li fl-istqarrija hemm xi ħaġa ħażina jew hemm xi ħaġa li ma taqbilx mar-realtà tal-fatti;*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

3. Rat illi fl-14 ta' Ottubru 2019, il-kawża tħalliet għall-provi.

4. Rat illi fl-14 ta' Novembru 2019 ir-rikorrent ippreżenta siltiet mill-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja kontra tiegħu.

5. Rat illi fil-11 ta' Frar 2020, ir-rikorrenti ippreżenta kopja tal-Att tal-Akkuża Nru 11/2015 maħruġa kontra tiegħu fil-15 ta' Ġunju 2015 (fol 39) u varji verbali, fosthom verbali quddiem il-Qorti Kriminali datat 13 ta' Frar 2019 fejn ir-rikorrent għarraf lill-Qorti illi kien ser jippreżenta proċeduri Kostituzzjonali (fol 60).

6. Rat illi fis-6 ta' Frar 2020, fuq talba ta' l-intimat, ir-rikorrent ikkonferma illi l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti w ir-rikorrent kien għadu ma xehedx.

7. Rat illi fis-26 ta' Frar 2020 il-partijiet għarrfu lill-Qorti illi ma kellhomx provi u għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet.

8. Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti ippreżentati fit-28 ta' Mejju 2020.

9. Rat is-sottomissjonijiet intimati ippreżentati fl-4 ta' Ġunju 2020.

10. Rat illi fl-10 ta' Ġunju 2020, stante illi ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet kollha, il-Qorti ddifferiet il-każ għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

11. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi fit 22 ta' Frar 2010, ir-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja, akkużat b'varji akkużi relatati ta' bejgħ u pussess ta' droga kif ukoll money laundering.

12. Jirriżulta illi tali akkużi jirrigwardaw atti maġġmula "*fit-18 ta' Frar 2010 u matul is-sena ta' qabel*" (fol 12)

13. Jirriżulta illi fost id-dokumentazzjoni imressqa mill-Pulizija, ġiet ippreżentata Stqarrija ta' l-istess rikorrent mogħtija lill-Pulizija fl-**14 ta' Frar 2010** (fol 17)

14. Jirriżulta illi għalkemm ir-rikorrent, fir-rikors promotur isemmi Stqarrija tal-21 ta' Marzu 2009, minn imkien mid-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti ma jirriżulta illi dina tifforma parti mill-proċeduri kriminali illi r-rikorrent beda jinfaċċja.

15. Jirriżulta illi fil-15 ta' Ġunju 2015, inħarġet l-Att ta' Akkuza fil-konfront tar-rikorrent.

16. Jirriżulta illi fl-14 ta' Lulju 2015, entro l-perjodu stabbliti a tenur tal-438 tal-Kap 9, ir-rikorrent għarraf lill-Qorti illi ma kellu ebda eċċezzjoni preliminari a tenur tal-Artikolu 449 tal-Kap 9. (fol 51)

17. Jirriżulta illi sussegwentement, waqt illi l-proċeduri kienu għadhom ma ġewx appuntati għas-smiegħ, fit-23 ta' Frar 2018 ir-rikorrent ippreżenta rikors fejn talab

illi jippreżenta eċċezzjoni preliminari biex jikkontesta illi d-dritt tiegħu ġie leż meta ma ngħatax id-dritt ta' avukat waqt li ta l-iStqarrijiet tiegħu. (fol 54)

18. Jirriżulta illi l-Avukat Ġenerali oġġezzjona għal tali talba u l-Qorti, kif ippresjeduta dak iż-żmien, astjeniet milli tipprovdi dwar tali talba sakemm is-sentenzi imsemmija mir-rikorrent jiġu deċiżi finalment fi stadju ta' l-Appell.

19. Jirriżulta illi eventwalment il-Qorti Kriminali, kif diversament ippresjeduta, appuntat il-każ għas-smiegħ u dwar it-talba kif redatta fir-rikors tat- 23 ta' Frar 2018, qalet is-segwenti: (fol 59)

> *Il-Qorti irrilevat illi l-eċċezzjoni preliminari preżentata mill-akkużat fit-23 ta' Frar 2018 ma jsibu l-ebda konfort fis-sistema legali stante li ġew ippreżentati tardivament u l-Qorti tidderieġi lid-difiża sabiex jindirizza tali lment quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).*

20. Jirriżulta illi sussegwentement saret il-kawża odjerna.

## Il-Każ

21. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, fit-18 ta' Frar 2010, kif jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech mogħtija fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (fol 24), saret tfittxija fid-dar tar-rikorrent ġewwa ż-Żurrieq u nstab materjal suspettuż u għalhekk ittieħed il-Kwartieri tal-Pulizija biex jiġi investigat.

22. Jirriżulta illi, fi kliem l-Ispettur Grech stess, (fol 25)

> *Mr Onwarah also on the spot was given the due caution and also his right that he can have legal advice. He told me that already my colleagues had told him so but he did not have a problem to speak to me. Later on he was conveyed to the Drug Squad headquarters in Floriana where he was given also again the possibility to speak to a lawyer before the formal interrogation and he decided that he would like to have legal advice from a lawyer of his choice and in fact my colleague inspector Victor Aquilina called Dr Herrera who appointed Dr Veronique Dalli to speak to the suspect.*

23. Jirriżulta illi sussegwentement, dakinhar, hu ta l-Istqarrija tiegħu l-għada, 19 ta' Frar 2010 (fol 17), fejn ikkonferma, inter alia, illi fid-dar tiegħu instabu 47 pilloli bid-droga ta' għaxar grammi kull wieħed li kellhom jingħaddew lill-persuna oħra, u pillola oħra illi kien qiegħed jużaha għall-konsum personali tiegħu.

24. Jirriżulta illi hija din l-Istqarrija li r-rikorrent, bil-proċeduri odjerni, qiegħed issa jipprova jattakka u jikkontendi li d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq qed jiġu leżi stante illi ma kellux assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni tiegħu.

## Id-Difiża

25. Jirriżulta illi d-difiża mqajjma mill-Avukat Ġenerali għall-azzjoni odjerna hija, prinċipalment, ibbażata fuq tlett argumenti, ossija s-segwenti:

    a. Illi l-proċeduri kriminali għadhom ma ingħalqux u għalhekk ma huwiex magħruf jekk ir-rikorrenti hux ser jiġi żvantaġġjat jew le fil-proċeduri kriminali.

    b. Illi l-proċess ġudizzjarju jrid jiġi eżaminat fis-sħiħ tiegħu u mhux biċċa biċċa.

    c. Illi r-rikorrent ingħata d-dritt ta' avukat, u kkonsulta miegħu qabel ma inħarġet l-Istqarrija u kien jaf ben tajjeb id-drittijiet tiegħu qabel ma ta l-Istqarrija meritu tal-kawża odjerna.

## Konsiderazzjonijiet

26. Jirriżulta illi l-kwistjoni dwar jekk Stqarrija rilaxxjata minn akkużat għandhiex titqies bħala leżiva għad-drittijiet ta' l-akkużat jew le fin-nuqqas tal-presenza ta' Avukat hija kwistjoni illi ilha tippersegwita lill-Qrati Maltin għal ħafna snin, u dan riżultat kemm ta' tkarkir da' parte tal-leġislatur sabiex jimplimenta liġijiet kif ukoll riżultat ta' deċiżjonijiet varji, kemm lokali kif ukoll mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Strasburgu.

27. Jirriżulta illi l-iżvilupp ġurisprudenzjali kemm lokali kif ukoll ta' Strasburgu fuq tali materja ġiet ben rapportata fis-sentenza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et**" deċiża mill-Qorti tal Appell Kriminali Superjuri fit-3 ta' April 2019, fejn għamlet is-segwenti riassunt:

    > *7. Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni tal istqarrija fil-pre trial stage, persuna arrestata ma kellha ebda jedd għall-xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluż waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-2002 imbagħad introduċa fis-sistema legali tagħna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta l-jedd li persuna arrestata tkun intitolata titkellem wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon ma' avukat jew prokuratur legali għal mhux aktar minn siegħa żmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma daħalx fis-sistema legali tagħna mingħajr skossi għaliex l-artikolu 355 AU imbagħad ħoloq id-dritt tal-inferenza, iġifieri, li f'każ fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal-legali tiegħu, ikun naqas milli jsemmi fatti li raġonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-pre trial stage, "tista tagħmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bħala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistgħux waħedhom jitqiesu bħala prova ta' ħtija iżda jistgħu jitqiesu bħala li jammontaw għal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' ħtija tal-persuna*

*akkużata jew imputata”. Dan kien ifisser illi ma tistgħax issir tali inferenza f’dak il-każ li l-persuna arrestata tagħżel li ma tagħmilx użu mill-jedd għall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt għall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok għal dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw id-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti dakinhar taħt il-liġi tagħna, kien ristrett għal siegħa qabel l-interrogatorju u b’hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F’dak l-istadju l-arrestat kien soġġett għall-mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment eżebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma daħalx fis-seħħ qabel is-sena 2010;*

*8. Ġara, iżda, illi l-Att LI tal-2017 biddel l-Artikolu 355AT u l-Artikolu 355 AU meta daħal fil-kodiċi id-dritt tal-assistenza legali kif postulat fid-Direttiva 2013/48 EU. Dawn l-emendi daħlu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 401/2016, iġifieri ferm wara l-għoti tal-ewwel sentenza. Tajjeb li jingħad ukoll illi bis-saħħa tal-Avviż Legali 102/2017 magħmula taħt il Kodiċi Kriminali, kienu ntrodotti fis-sistema legali tagħna ir-Regolamenti dwar il-proċedura waqt l-interrogazzjoni ta’ persuni suspettati u persuni akkużati*

28. Jirriżulta illi abbażi ta’ tali riassunt u tat-tagħlim pprovdut mill-Qrati ta’ Strasburgu fil-każ **Mario Borg vs Malta**, din il-Qorti setgħet faċilment tgħaddi biex tikkunsidra l-posizzjoni tar-rikorrenti favorevolment.

29. Madanakollu, jirriżulta illi l-Qrati ta’ Strasburgu, f’sentenza mogħtija f’Ġunju 2019, għażlu illi jikkomplikaw il-konsiderazzjonijiet li għandhom jagħmlu dawna il-Qrati, u fi kliem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawża **Il-Pulizija vs Maroushka Azzopardi** deċiża fit-3 ta’ Lulju 2020, u li dina l-Qorti tagħmel tagħha wkoll *in toto.*

*... sfortunatament din is-“saga” dwar l-ammissibilita’ o meno bħala prova ta’ l-istqarrija rilaxxjata mill-persuna akkużata meta din ma tkunx ġiet assistita minn avukat għadha ma ratx it-tmiem tagħha, bil-qrati tagħna issa rinfaċċjati b’deċiżjonijiet ġodda mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li fil-fehma ta’ din il-Qorti, imorru lura għall-istatus quo ante d-deċiżjoni “Borg vs Malta”. U għalkemm f’din id-deċiżjoni kienet saret kritika lejn il-qrati Maltin u dan għaliex d-deċiżjonijiet ma kinux qed jimxu kollha b’mod konformi, issa din l-istess Qorti wasslet hi stess biex qed timxi b’nuqqas ta’ konformita’ l-aktar bid-deċiżjonijiet reċenti li ngħataw u ċioe’ Beuze vs Belgium (deċiżjoni Grand Chamber), Doyle vs Ireland (Court 5th Section) u dik li laqtet lil pajjiżna “Farrugia vs Malta” deċiża fl-04 ta’ Ġunju 2019 (Court 3rd Section) fejn il-Qorti straħet fuq il-konsiderazzjonijiet minnha magħmula fil-kawża “Beuze vs*

*Belgium" meta ħolqot test imsejjes fuq żewġ binarji li l-qorti trid tagħmel f'kull każ għalih*

30. Jirriżulta illi fil-każ **Farrugia vs Malta** (63041/13) deċiża fl-4 ta' Ġunju 2019 u reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019, il-Qorti ta' Strasburgu kellha dan xi tgħid:

*96. The right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer is one of the fundamental features of a fair trial ( see Salduz, cited above, § 51, and Ibrahim and Others v. The United Kingdom [GC], nos.50541/08 and 3 others, § 255 13 September 2016). The right becomes applicable as soon as there is a "criminal charge" within the meaning given to that concept by the Court's case-law and, in particular, from the time of the suspect's arrest, whether or not that person is interviewed or participates in any other investigative measure during the relevant period (see Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, § 124, 9 November 2018 and Simeonoviv. Bulgaria [GC], no. 21980/04, §§ 111, 114 and 121, 12 May 2017).*

*97. In Beuze, drawing from its previous case-law the Court explained the aims pursued by the right of access to a lawyer (§§ 125-130) and elaborated on the content of the right of access to a lawyer reiterating, in particular, that suspects must be able to enter into contact with a lawyer from the time when they are taken into custody. It must therefore be possible for a suspect to consult with his or her lawyer prior to an interview or even where there is no interview and that suspects have the right for their lawyer to be physically present during their initial police interviews and whenever they are questioned in the subsequent pre-trial proceedings (§§ 133-134).*

*98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no. 37537/13, 12 January 2016).*

*99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification*

*as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.*

***(i) Concept of compelling reasons***

*100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).*

***(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test***

*101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145).*

*102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).*

*103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).*

***(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment*** *(sottolinjar ta' din il-Qorti)*

*104.* ***When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:***

***(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;***

***(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;***

***(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;***

***(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;***

***(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;***

***(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;***

***(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;***

***(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;***

***(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and***

***(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150)***

31. Jirriżulta illi l-Qorti ta' Strasburgu, fis-sentenza ta' 'Farrugia', wasslet għall-konklużjoni illi l-użu ta' l-istqarrijiet ta' Farrugia, għalkemm meħuda mhux bl-assistenza tal-Avukat, ma kinux jivvjolaw id-drittijiet tiegħu in vista tal-mod kif intużaw mill-Qorti, u biex wasslet għal tali konklużjoni, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*.... It is noteworthy that, in the present case, the applicant was informed repeatedly in a sufficiently explicit manner of his right to remain silent and the privilege against self-incrimination (see, a contrario, Beuze, cited above, § 184), and, at the time, no inferences could be drawn by the trial courts from the silence of the accused (see paragraph 33 above) (see, a contrario, Ibrahim and Others, cited above, § 15). It follows that the applicant could have chosen to remain silent and avoid any statement which could later substantially affect his position. Nevertheless, the Court notes that this did not mean that the applicant had waived the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law (see Borg, cited above, § 61, and Salduz, cited above, § 59; see also Pishchalnikov v. Russia, no. 7025/04, § 79, 24 September 2009).*

*113. The Court further notes that evidentiary elements, other than the applicant's statements, were used to arrive at the conclusion of the applicant's guilt, in particular the testimony of A.F., corroborated by the findings of the police, as well as other circumstances capable of amounting to circumstantial evidence such as the non-functioning of the CCTV. Indeed as noted by the Court of Criminal Appeal, A.F.'s statement would have been sufficient to find for the applicant's guilt (see paragraph 26 above). The Court observes further that given the nature of the crime in the present case, that is, the simulation of an offence, the absence of any evidence corroborating the applicant's initial report to the police is also of substantial evidentiary value. Thus, the Court of Criminal Appeal based its decision on a plurality of factors.*

32. Osservazzjoni aktar importanti illi għamlet dik il-Qorti u li hija ta' rilevanza għall-proċeduri odjerni hija s-segwenti:

*118. However, **the nature of the statements and <u>their use</u> is of particular relevance in the present case**. The Court notes that they did not contain any confessions nor was their content self-incriminating. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position*

*(see, for example, Schmid-Laffer v. Switzerland, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22 above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt. In consequence its assessment of the applicant's credibility on the basis of his pre-trial statements can be considered as having been made ex abundanti cautela (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position.*

33. Jirriżulta, għalhekk, illi hija importanti għal dina l-Qorti illi tikkunsidra mhux biss il-mod kif ingħatat tali stqarrija, iżda wkoll <u>il-mod kif intużat tali stqarrija waqt il-proċeduri kriminali u x'piż ingħatat fil-proċeduri kontra tiegħu, jekk attwalment intużat</u>.

34. Jirriżulta għalhekk illi l-Qorti hawnhekk ikollha tagħmel tagħha l-kliem tal-Prim Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża **Christopher Polidano vs Avukat Ġenerali** deċiża fit-23 ta' Jannar 2020, fejn il-Qorti ġustament għamlet is-segwenti osservazzjonijiet, li dina l-Qorti tagħmel tagħha wkoll:

*Illi għalhekk din il-Qorti hija rinfaċċjata fuq naħa b'ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fejn jidher li ma jħallu l-ebda opzjoni f'ċirkostanzi bħal dawk odjerni u konsistentement iddikjaraw il-leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq f'każ li l-istqarrija tkun ittieħdet mingħajr l-assistenza tal-Avukat. <u>Minn naħa l-oħra jirriżulta li l-Qorti Ewropeja f'sentenza pjuttost reċenti fis-Sajf tas-sena 2019 daħħlet kriterji ta' evalwazzjoni tal-użu li ssir mill-istqarrija fl-atti kriminali sabiex tasal għal deċiżjoni jekk il-presenza tagħha fl-atti jilledix jew le id-dritt għal smiegħ xieraq tar-rikorrent.</u> Jirriżulta lil din il-Qorti li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent għadhom pendenti u għalhekk bl-ebda mod din il-Qorti ma tista' tidħol f'evalwazzjoni tal-użu li għad trid tagħmel il-Qorti Kriminali tal-Istqarrija in kwistjoni fid-deċiżjoni tagħha, għalkemm fiċ-ċirkostanzi li ttieħdet l-istqarrija in kwistjoni l-Qorti tirrikonoxxi li l-użu li jista' jsir mill-istess stqarrija da parti tal-Qorti Kriminali għandu jkun wieħed b'kawtela kbira u in linea mal-insenjamenti reċenti tal-Qorti Ewropeja.*

35. Jirriżulta, għalhekk, illi fil-każ odjern, il-proċeduri kriminali għadhom lanqas biss bdew u, kif stqarr il-konsulent legali tar-rikorrent stess, ir-rikorrent għadu lanqas biss xehed fil-proċeduri kriminali! (fol 36)

36. Jirriżulta, għalhekk, illi l-Qorti hija fl-impossibbilta' illi tapplika l-prinċipji enunċjati mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ '***Farrugia***' fuq imsemmi **qabel** ma jkunu ingħalqu l-proċeduri kriminali peress illi, fi kliem il-Qorti ta' Strasburgu, "***the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case"***, u sabiex jiġi stabbilit il "*particular relevance*" fuq indikat, dina l-Qorti tenħtieġ tara **kif,** fil-prattika, tali stqarrijiet ser jintużaw kontra r-rikorrent u jekk tali użu huwiex ser ikun leżiv għad-drittijiet tiegħu, liema evalwazzjoni ma tistax issir ħlief wara li l-proċess ġudizzjarju jintemm.

37. Madanakollu, għal darba oħra il-Qorti terġa' tagħmel tagħha dak dikjarat fil-każ ta' 'Christopher Polidano' fuq riferit, fejn il-Qorti ġustament qalet "*tirrikonoxxi li l-użu li jista' jsir mill-istess stqarrija da parti tal-Qorti Kriminali għandu jkun wieħed b'kawtela kbira u in linea mal-insenjamenti reċenti tal-Qorti Ewropeja"*

38. Dana qed jingħad b'referenza partikolari għar-"*Relevant factors for the overall fairness assessment*" aktar 'l fuq imsemmija u elenkati mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

39. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, abbażi tal-ġurisprudenza fuq imsemmija u r-raġunament minnha pprovdut, din il-Qorti għalhekk tqis illi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet jimmeritahom li jiġu akkolti.

40. Il-Qorti tqis ukoll illi ma hemmx lok illi tikkunsidra l-eċċezzjonijet l-oħra imqajjma mill-intimat.

**41. Il-Qorti, madanakollu, qabel ma tgħaddi għas-sentenza, ma tistax ma' tosservax kif sfortunatament jidher illi saret il-prassi reċenti adoperata minn uħud, li persuni akkużati b'reati kriminali jagħmlu minn kollox sabiex jistultifikaw u jwaqqfu il-proċess ġudizzjarju Kriminali kontra tagħhom billi jiskoġitaw u jivvintaw kull tip ta' azzjoni ta' natura Kostituzzjonali bit-tama illi jtawwlu kemm jistgħu l-proċeduri kriminali fejn qed jinġabru l-provi kontrihom, bit-tama illi nelfrattemp jew jiġri xi ħaġa fil-provi miġjuba kontra tagħhom li eventwalment twassal sabiex l-proċeduri kontra tagħhom ikollhom eżitu negattiv jew inkella jgħaddi t-terminu ta' arrest tagħhom u eventwalment jingħataw il-ħelsien mill-arrest – dina l-prassi hija waħda skonċertanti u abbużiva għall-aħħar u l-Qorti tikkundanna bl-ebda riserva l-abbuz sfaċċat ta' proċedura daqstant importanti u solenni, bħalma hija dik ta' lezzjoni konstituzzjonali.**

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti proċesswali,

Wara illi rat s-sottomissjoniet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi il-vertenza billi;

**Tilqa'** l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni ta' l-intimat filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra, u għalhekk;

**Tiċħad** it-talba tar-rikorrenti kif dedotta.

**Spejjeż** ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur